**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

19 ta' Settembru 2024

Lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati
u l-President tal-Kumitat Permanenti
għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

Bl-email permezz tal-Iskrivan tal-Kamra

Mr Speaker,

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet li ilmenti m'għandhomx jiġu investigati**

Fil-15 ta' Ġunju u l-5 ta' Diċembru 2023, jiena ktibt lill-Kumitat dwar l-Istandards sabiex nipproponi li fejn dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga ilment, għandu jkollu s-setgħa li jippubblika d-deċiżjoni tiegħu jekk jidhirlu li dan ikun ġustifikat fiċ-ċirkostanzi u ma jkunx ta' dannu għall-persuna li hija s-suġġett tal-ilment.

Kif taf, rapport ippreparat minn dan l-Uffiċċju wara li jikkonkludi investigazzjoni normalment jiġi pubblikat. Biss, jekk dan l-Uffiċċju jiddeċiedi li m'għandux jinvestiga jew m'għandux ikompli jinvestiga ilment, huwa ma jistax jippubblika d-deċiżjoni tiegħu. Din il-prattika ġiet stabbilita mill-Kumitat għaliex inħass li dan l-Uffiċċju m'għandux ixandar allegazzjoni jekk ma jkunx bi ħsiebu jinvestigaha.

Madankollu, kif osservajt fl-ittri preċedenti tiegħi, f'ħafna każijiet l-allegazzjonijiet diġà jkunu fid-dominju pubbliku għaliex jiġu pubblikati mill-ilmentatur jew il-persuna li dwarha sari r-rapport, skont il-każ.

F'każijiet bħal dawn, il-fatt li dan l-Uffiċċju ma jistax jippubblika d-deċiżjoni tiegħu jagħti lok biex ħaddieħor ixandar rendikont selettiv, żbaljat, jew saħansitra qarrieqi tad-deċiżjoni – kif reġa' ġara riċentement fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-ilment numru 179. Barra minn hekk, is-segretezza fejn m'hemmx bżonnha tmur kontra l-prinċipju tat-trasparenza u timmina l-fiduċja tal-pubbliku fit-tħaddim tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

Għalhekk intenni l-proposti tiegħi li:

(a) Dan l-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa li jippubblika deċiżjoni li ma jinvestigax jew ma jkomplix jinvestiga ilment.

(b) Deċiżjoni normalment għandha tiġi ppubblikata billi tittella' fis-sit elettroniku ta' dan l-Uffiċċju. L-Uffiċċju għandu jkollu s-setgħa joħroġ stqarrija għall-midja jew iqassam deċiżjoni direttament lill-midja f'każijiet eċċezzjonali fejn jidhirlu li hu neċessarju biex jevita interpretazzjonijiet żbaljati tad-deċiżjoni.

(c) Ikun fid-diskrezzjoni tal-Uffiċċju li ma jippubblikax deċiżjoni li ilment m'għandux jiġi investigat jekk fil-fehma tiegħu iċ-ċirkostanzi hekk jitolbu, per eżempju f'każijiet fejn l-allegazzjoni ma tkunx ġiet imxandra.

Din il-kwistjoni issa ilha pendenti quddiem il-Kumitat dwar l-Istandards għal aktar minn sena. Għalhekk nitlob li l-Kumitat jieħu deċiżjoni kemm jista' jkun malajr fl-interess tal-governanza tajba.

Din l-ittra se tiġi pubblikata minn dan l-Uffiċċju.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika